



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

12219/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0286 (NLE)

AGRI 425
AGRIORG 72
AGRIFIN 94

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru
1370/2013 rigward il-limitazzjoni kwantitattiva applikabbli għax-xiri sfurzat
ta' trab tal-ħalib xkumat

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta'...

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1370/2013
rigward il-limitazzjoni kwantitattiva applikabbli
għax-xiri sfurzat ta' trab tal-ħalib xkumat**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013¹ jistabbilixxi limitazzjonijiet kwantitattivi għax-xiri sfurzat tat-trab tal-ħalib xkumat bil-prezz fiss imsemmi fl-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament. Ladarba dak il-limitu jintlaħaq, ix-xiri sfurzat irid jitwettaq permezz ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti biex jiġi determinat il-prezz massimu tax-xiri sfurzat.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/147² emenda r-Regolament (UE) Nru 1370/2013 billi l-limitu kwantitattiv għax-xiri sfurzat ta' trab tal-ħalib xkumat bi prezz fiss ġie stabbilit għal zero għas-sena 2018. Dan sar biex jiġi evitat li t-trab tal-ħalib xkumat jinxtara bi prezz fiss f'sitwazzjoni li tmur kontra l-għanijiet tax-xibka ta' sikurezza.
- (3) Fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib il-prezzijiet tax-xaħam u tal-proteini għadhom differenti. Fl-2018, il-prezzijiet tas-suq tal-Unjoni għat-trab tal-ħalib xkumat baqgħu taħt il-livell tal-intervent pubbliku, filwaqt li l-prezzijiet tal-butir huma aktar mid-doppju tal-livell tal-intervent pubbliku.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 12).

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/147 tad-29 ta' Jannar 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1370/2013 rigward il-limitazzjoni kwantitattiva applikabbli għax-xiri sfurzat ta' trab tal-ħalib xkumat (ĠU L 26, 31.1.2018, p. 6).

- (4) Il-prezzijiet tal-ħalib mhux ipproċessat imħallsa lill-bdiewa fl-2018 huma f'livell li jwassal biex il-produzzjoni tal-ħalib issir remunerattiva minħabba d-domanda attwalment qawwija għall-butir u l-ġobon minkejja il-prezzijiet relattivament baxxi tal-proteini tal-ħalib. L-operazzjoni tal-intervent pubbliku fl-2018 fl-ambitu ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti ma waqqfitx il-prezzijiet tal-ħalib mhux ipproċessat milli jommu dawn il-livelli.
- (5) L-elementi fundamentali għas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib f'termini tal-provvista, id-domanda u l-evoluzzjoni tal-prezzijiet mhumix mistennija li jinbidlu b'mod sostanzjali fl-2019, b'mod partikolari fir-rigward tad-differenza bejn il-prezzijiet tax-xaħam u tal-proteini tal-ħalib. Għalhekk huwa xieraq li, l-limitazzjoni kwantitattiva għax-xiri sfurzat tat-trab tal-ħalib xkumat bi prezz fiss jiġi stabbilit għal zero għas-sena 2019.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1370/2013 jiġi emendat skont dan.
- (7) Sabiex ikun żgurat li l-miżura temporanja prevista f'dan ir-Regolament ikollha impatt immedjat fuq is-suq u sabiex l-operaturi tas-suq ikunu jistgħu jiġu infurmati fi żmien xieraq qabel il-bidu tal-kampanja ta' intervent li jmiss, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1370/2013, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“B’deroga mill-ewwel subparagrafu, il-limitazzjoni kwantitattiva għax-xiri sfurzat ta’ trab tal-ħalib xkumat bi prezz fiss għandha tkun ta’ 0 tunnellati għas-sena 2019.”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta’ wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
